# Beati u Qaddisin...Lulju

## San Tumas Appostlu 3 ta' Lulju

Niltaqghu mieghu fost l-Appostli u ma nafu xejn fuq hajtu l-imghoddija. It-tifsira ta' ismu fl-Aramajk hija "tewmi". Il-vuci ta' San Tumas tinstema filVangelu ta' San Gwann Kapitlu 11 meta Gesu' jhalli lil Gudea ghax hemm kien hemm il-periklu.  Imma f'daqqa wahda jerga' jdawwar hsiebu u jghid lil Appostli li jrid jirritorna lejn Betanja fejn hemm habibu Lazzru miet. L-appostli jsibuha riskjuza li jersqu 'l hemm. H awn l-appostlu Tumas jghid lil shabu:" Ejjew immorru ahna wkoll u mmutu mieghu." Kien cert li ser jispiccawha hazin, imma ma riedx jabbanduna lil Imghallem.



Fl-ahhar cena li Gesu' ghamel ma' l-appostli tieghu, l-Imghallem wieghdhom li ser imur jippreparalhom post fil-genna, dar Missieru u qalilhom: " U fil-post li sejjer jiena, intom it-triq tafuha."

U Tumas kien pront wiegbu: "Mulej anqas nafu fejn sejjer ahseb u ara kemm nafu t-triq." U Kristu jwiegbu:

“Jiena t-triq, il-verita’ u l-hajja.”

Grajja ohra li baqa’ jissemma’ ghaliha Tumasu kienet in-nuqqas ta’ twemmin fi Kristu Gesu’ meta rxoxta. Ma kienitx haga hafifa li jemmen li mejjet iqum mill-mewt u anqas ma ried li jidher li qed jemmen meta fil-gewwieni tieghu ma kienx. Meta Kristu qam mill-mewt u deher lil appostli, Tumas inzerta li ma kienx prezenti. Meta sema’ minn fomm shabu li Kristu tassew qam mill-mewt ma riedx jemmen jekk ma jmissx lil Gesu’ b’idejh.

Tmint ijiem wara dehrilhom Gesu’ u din id-darba Tumas kien ma’ shabu. Gesu’ stiednu jikkontrolla d-dehra tieghu kif xtaq hu li jmisu u jqieghed idu fil-pjagi. Tumas ma kellu ebda dubbju issa u nxtehet gharkubtejk jghidlu: “Sinjur tieghi u Alla tieghi” U Gesu’ wissieh bil-hlewa u qallu: Imberkin dawk li jemmnu minghajr ma jaraw.”

Dak l-att ta’ fidi f’Gesu’ baqa’ jissemma’ sal-gurnata tal-lum u huwa ripetut waqt il-quddies fil-hin tal-konsagrazzjoni bhala att ta’ fidi.

Ma nafux kif miet dan l-appostlu.   Ic-certezza hija li bhal l-appostli shabu xandar lil Kristu biex tikber is-saltna t’Alla, kif kien ried Gesu’. Jinghad li dan l-appostlu xandar il-kelma t’Alla gewwa l-Indja